# Sofferenzi ta' Direttur Haddiem

**Tony Xuereb**

Niccara xi punti dwar il-kwistjoni jekk l-isem ghandux ikun id-direttur haddiem jew haddiem direttur. Il-ligi fil-kaz ta' l-Enemalta u t'Telemalta li kienu saru flimkien, tghajjat lid-direttur haddiem. Ahna meta konna federazzjoni tal-haddiema diretturi rragunajna, kemm jiena, kemm Dr. Borg, Joe u ohrajn illi l-ewwel inti kont haddiem, imbaghad sirt direttur, u ghalhekk iktar ddoqq haddiem direttur. Skond il-kodici li gew prezentati, fuq il-Bord, fuq il-karta ghandu l-istess drittijiet ta' diretturi ohra. Fir-realta' le, haddiehor ghandu karozza. Jigifieri hemmhekk jinqasam b'mod differenti. Pero' l-partecipazzjoni u nista nghid dirett issa minn esperjenza li missejtha b'idejja, tiddependi hafna fuq direttur, min hu, l-karattru tieghu, kemm hu ghandu tattika, kif jimxi, kif jipprezenta l-affarijiet u ghalfejn ikun ressaqhom it-talbiet. Pero' li jigrilek, u din sofrejtha jien, hija din. Jekk il-*management* jappoggjak jigrilek illi ghandek il-haddiema kollha warajk. Qisek inti l-*hero* taghhom jew il-martri taghhom. Kif appena nbidel ic-*chairperson,* li gie minn dinja differenti fejn jaf kif imorru l-affarijiet u beda jtik, dak li hu tieghek, u wara kollox u tal-haddiema, ghax li jaghti lilek ghall-haddiema, ma jtik xejn lilek personali, illi wasalna fi stat illi anka kont wiehed mill-firmatorji bhac-*chairman,* illi c-cekkijiet u l-affarijiet tal-bank jien ghandi l-awtorita' li niffirmahom ukoll. Il-haddiem flok jghid 'ara

rapprezentant taghna fejn wasal', fl-istess drittijiet jibda jitbieghed minnek ghaliex jghid 'issa dak qed jirraguna bhalhom'. Fir-realta', l-haddiem direttur l-iktar illi jitghallem mil-partecipazzjoni. Dik id-dizgrazzja.Tibda titghallem affarijiet illi qabel kont tirragunhom mod, qabel kont tarahom minn angolu u lenti differenti u llum qed tarahom b'mod illi isma wara kollox il-*management* veru ghandu ragun illi din hija sparpaljal ta' flus, li din hija xi haga hazina. U hemmhekk ir-*role* tieghek trid tigi. Tispjega l-partijiet kollha kemm *unions* u kemm ohrajn. Imma l-problemi tal-haddiema inutli noqghodu nifirduhom f'dik il-*union* u dik il-*union*, jew dak il-partit, u dak il-partit. F'azjenda l-problemi huma dejjem l-istess. U hafna affarijiet jahasra lanqas ikollhom ghalfejn toqghod tiddiskuti fuqhom. Imma jekk jinzerta waqt elezzjoni jew gejja elezzjoni ta' haddiem direttur u jinzerta kulhadd qabad paga hazina, jew jinzerta hemm *promotion* u ma haduhiex, jew jinzerta hemm riforma u mhix se ddoqq tajjeb ghan-nies, dan il-haddiem direttur se jbati. Ghaliex jghidu li dak ma hadimx ghalija. Jigifieri dan ma tistax tghidilhom certi affarijiet ghaliex inti marbut b'certi sigrieti. Jigifieri l-haddiem direttur fl-ahhar mill-ahhar meta jidra ix-xoghol tieghu u jibda jingrana hemmhekk huwa periklu. L-periklu meta jibda jasal biex jitlef postu. Rigward il-ligi fuq haddiem direttur ghalija hemm anomaliji. Min johrog ghall-elezzjoni generali tal-pajjiz qabel dik l-elezzjoni ta' haddiem direttur ma jistax jikkontesta ghal haddiem direttur Izda l-gvern

stess imbaghad meta kien sar dan il-ftehim pogga nies li kienu kandidati fl-elezzjoni tal-pajjiz. Ghaliex allura hemm din id-differenza illi certu restrizzjonijiet ighoddu ghal din il-persuna, imma ghall-persuni l-ohra anke jekk ghandhom negozju relatat ma jghoddux. Haddiem Direttur ghandu jigi ggwidat, mhux ha nghid li biex tkun haddiem direttur, irid ikollok xi kwalifici akkademkici. Tajjeb kieku naslu hekk, imma mbaghad inkunu forsi qeghdin noholqu certu klassijiet. Imma ghandu jigi mhajjar immedjatament illi jattendi *lectures* jew studji apposta. Dawn l-affarijiet irid jehodhom bis-serjeta ghax inkella l-iktar li jbati jkun hu. Il-haddiem direttur ma jridx jitla biss bil-popolarita u mbghad kif ikun hemm fuq ihossu handikapat.